31976D0161

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-8 ta' Diċembru 1975
li tistabbilixxi proċedura komuni għat-twaqqif u aġġornar kontinwu ta' inventarju ta' sorsi ta' informazzjoni dwar l-ambjent fil-Komunità

(76/161/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2],

Billi l-programm ta' azzjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-ambjent [3] jipprovdi għall-preparazzjoni ta' inventarju permanenti ta' sorsi ta' informazzjoni dwar l-ambjent u l-integrazzjoni tiegħu, bħala kontribuzzjoni tal-Komunità, fis-Sistema Internazzjonali ta' Referenza (IRS) tal-Programm Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti, f'sistemi internazzjonali aktar xierqa u fin-*Network* ta' Dokumentazzjoni Ewropea li hemm referenza għaliha fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 75/200/KEE tat-18 ta' Marzu 1975 li tadotta pjan ta' azzjoni inizzjali tal-Komunità ta' tliet snin fil-qasam ta' l-informazzjoni xjentifika u teknika u tad-dokumentazzjoni [4];

Billi dan l-inventarju jista' jiffaċilita l-aċċess għal sorsi eżistenti ta' informazzjoni għall-utenti kollha fil-Komunità, b'mod partikolari għal dawk responsabbli għas-sorveljanza, protezzjoni u ġestjoni ta' l-ambjent; billi dan l-inventarju jagħmilha possibbli wkoll li jiġi stabbilit liema koordinament jew armoniżżazzjoni ta' sorsi ta' informazzjoni jkunu mixtieqa, li jiġu proposti l-ħolqien ta' sistemi ġodda ta' informazzjoni fuq il-bażi ta' ħtiġiet li għadhom mhux koperti u sabiex sorsi bħal dawn jiġu integrati f *network* Ewropew armoniżżat;

Billi jidher li huwa meħtieġ inventarju bħal dan sabiex jintlaħaq, fil-kuntest tat-tħaddim tas-suq komuni, wieħed mill-għanijiet tal-Komunità fil-qasam tal-protezzoni ta' l-ambjent u tal-kwalità tal-ħajja; billi ma kienx hemm ipprovdut għas-saħħa ta' l-azzjoni meħtieġa f'din il-materja fit-Trattat;

Billi dan l-inventarju, li sejjer jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni fil-għamla ta' inventarju ta' sorsi ta' informazzjoni dwar l-ambjent fil-Komunità, għandu jagħmel magħruf għal kull Stat Membru, l-informazzjoni xjentifika u teknika u ċ-ċentri ta' dokumentazzjoni, iċ-ċentri speċjaliżżati u esperti indipendenti u l-proġetti ta' riċerka preżenti jew li huma maħsubin li jsiru;

Billi, sabiex ikun jista' jitfassal inventarju, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-informazzjoni li għandha x'taqsam mas-sorsi ta' informazzjoni nazzjonali differenti lill-Kummissjoni, billi għandha tiġi stabbilita wkoll proċedura ta' aġġornament għall-inventarju,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

B'dan il-mezz ġiet stabbilita proċedura komuni għat-twaqqif u aġġornament ta' inventarju permanenti ta' sorsi ta' informazzjoni dwar l-ambjent fil-Komunità.

Għal kull Stat Membru, dan l-inventarju għandu jinkludi lista:

— ta' informazzjoni xjentifika u teknika u ċentri ta' dokumentazzjoni u servizzi;

— ta' ċentri speċjaliżżati u esperti indipendenti;

— ta' proġetti ta' riċerka preżenti jew skedati.

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jiġbru l-informazzjoni mitluba fil-kwestjonarju stabbilit fl-Anness u għandhom jgħaddu l-informazzjoni lill-Kummissjoni b'mod u f'forma kompatibbli mal-ħtiġiet tal-Kummissjoni.

---

(1) ĠU C 157, ta' l-14.7.1975, p. 93.
(2) ĠU C 263, tas-17.11.1975, p. 36.
(3) ĠU C 112, ta' l-20.12.1973, p. 3.
(4) ĠU L 100, tal-21.4.1975, p. 26.

L-informazzjoni għandha tiġi miġbura kull sena sabiex l-inventarju jkun jista' jiġi aġġornat. Din l-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn erba xhur wara l-aħħar tas-sena ta' referenza.

L-Artikolu 3

Kull Stat Membru għandu jaħtar l-awtorità nazzjonali li tkun responsabbli għall-ġbir u l-ippreżentar lill-Kummissjoni ta' l-informazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikoli 1 u 2, u għandu jinforma lill-Kummissjoni biha.

L-Artikolu 4

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa s-*software* u l-metodi ta' indiċi u ta' kodifikazzjoni ta' l-informazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikoli 1 u 2. Għandha tagħti bidu għall-ipproċessar awtomatiku ta' din l-informazzjoni u għandha tipprovdi lill-Istati Membri b'kopja ta' l-inventarju fuq *tape* manjetiku jew fuq kwalunkwe mezz ieħor u bis-*software* meħtieġ sabiex jintuża.

L-Artikolu 5

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta *tape* manjetiku lis-Sistema Internazzjonali ta' Referenza (IRS) tal-Programm Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti li jkun fih l-informazzjoni xierqa li l-Istati Membri jixtiequha tipprovdi għas-sistema.

L-Artikolu 6

Fid-dawl ta' kwalunkwe esperjenza miksuba, il-lista ta' informazzjoni li tifforma parti mill-inventarju u l-metodi ta' preparazzjoni ta' l-inventarju jistgħu jiġi riveduti mill-Kummissjoni f'kollaborazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 3, kont meħud tal-miżuri meħudin mill-Komunità għall-armoniżżazzjoni ta' l-inventarji ta' proġetti ta' riċerka.

L-Artikolu 7

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-informazzjoni mitluba fil-kwestjonarju stabbilit fl-Anness għall-ewwel darba fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-8 ta' Diċembru 1975.

Għall-Kunsill

Il-President

M. PEDINI

L-ANNESS

INVENTARJU TA' SORSI TA' INFORMAZZJONI FI PROTEZZJONI AMBJENTALI

KWESTJONARJU

ĠENERALI

G1. L-organiżżazzjoni tiegħek hija nvoluta fi

A. RIĊERKA IVA ☐ LE ☐

(i.e. xogħol mibdi fuq bażi sistematika sabiex iżid il-ħażna ta' tagħrif u sabiex juża din il-ħażna ta' tagħrif sabiex ifassal u jistma applikazzjonijiet ġodda).

Jekk IVA, jekk jogħġbok imla t-taqsima tal-kwestjonarju li tkopri:

(i) aspetti ġenerali ta'l-organiżżazzjoni tiegħek, paġni 10 sa 12

(ii) attivitajiet ta' riċerka, paġni 13 sa 18.

B. SERVIZZI TA' INFORMAZZJONI/DOKUMENTAZZJONI IVA ☐ LE ☐

(i.e. sistema ta' riżorsi, persunal, attivitajiet u materjali sabiex jipprovdu lil utenti speċifiċi b'informazzjoni f'għamla ta' data u dokumenti. Dawn is-servizzi biss għandhom jiġu inklużi (a) dawk li jkopru medda nazzjonali ta' utenti (b) dawk li r-responsabbiltà ewlenija tagħhom hija l-forniment ta' informazzjoni ambjentali (ċ) dawk li r-responsabbiltà ewlenija tagħhom hija xi ħaġa oħra iżda li jitqiesu li huma f'pożizzjoni favorevoli sabiex jipprovdu informazzjoni ambjentali).

Jekk IVA, jekk jogħġbok imla t-taqsima tal-kwestjonarju li tkopri:

(i) aspetti ġenerali ta'l-organiżżazzjoni tiegħek, paġni 10 sa 12

(ii) attivitajiet ta' riċerka, paġni 19 sa 24.

Ċ. GĦOTI TA' SERVIZZI TA' KOMPETENZA IVA ☐ LE ☐

(i.e. kwalunkwe organiżżazzjoni [1] li għandha kompetenzi fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali u li hija lesta li tagħti pariri fuq il-bażi ta' din il-kompetenza teknika. Dan jeskludi dawk involuti fir-riċerka).

Jekk IVA, jekk jogħġbok imla t-taqsima tal-kwestjonarju li tkopri:

(i) aspetti ġenerali ta'l-organiżżazzjoni tiegħek, paġni 10 sa 12

(ii) attivitajiet ta' riċerka, paġni 25 sa 28.

Nota:
Kull waħda mit-tliet taqsimiet fiha mistoqsijiet li jfittxu informazzjoni dwar il-persunal. Għall-għanijiet ta' dan il-kwestjonarju, *professjonist* tiftiehem li tfisser persuna li għandha degree minn universitajiet, istituti speċjaliżżati ta' status ta' università u kwalifiki ekwivalenti mogħtija minn assoċjazzjonijiet tax-xogħol eċċ., filwaqt li persunal ta' appoġġ ifisser persunal ieħor li jgħin persunal professjonali fit-twettiq ta' ħidmietu.

[1] Persuni indipendenti, i.e. persuni professjonali jew konsulenti indipendenti li ma għandhom x'jaqsmu ma ebda organizzazzjoni, jistgħu jidhru taħt l-isem personali f'G2.

G2. Isem ta' l-organiżżazzjoni: .....

.....

Indirizz: Triq: .....

Belt: ..... Provinċja / Art/Dipartiment .....

Kodiċi Postali/Pin: ..... Kaxxa postali: ..... Pajjiż: .....

Telefon: ..... Telex/Cable: .....

Indirizz telegrafiku: .....

G3. Il-persuna li qegħda timla din il-formola:

A. Isem: .....

Kariga: .....

Indirizz: (immarka jekk hemm informazzjoni xierqa moghtija f'G2 □):

Taqsima (jekk applikabbli): .....

Organiżżazzjoni (Omm): .....

.....

Triq: .....

Belt: ..... Provinċja / Art/Dipartiment .....

Kodiċi Postali/Pin: ..... Kaxxa postali: ..... Pajjiż: .....

Telefon: ..... Telex/Cable: .....

Indirizz telegrafiku: .....

B. Data tal-mili ta' dan il-kwestjonarju: .....

Ċ. Data ta' l-informazzjoni pprovduta (jekk differenti minn G3.B): .....

.....

G4. Finanzjament ta' l-organiżżazzjoni (ara NOTI, paġna 12)
Jekk jogħġbok agħti:

A. L-ispejjeż totali mġarrba mill-organiżżazzjoni matul l-aħħar sena finanzjarja li għaliha hemm id-data disponibbli,

B. Perċentwali (%) ta' l-ispejjeż ta' l-organiżżazzjoni pprovduti mis-sorsi elenkati taħt:

	Kapital	Kurrenti	Sena finanzjarja (jekk jogħġbok speċifika)
A. Spejjeż totali (jekk jogħġbok speċifika l-munita finanzjarja)	.....	.....	.....

B. Perċentwali (%) pprovdut permezz ta':	Kapital	Kurrent
Gvern	.....	.....
Settur kummerċjali	.....	.....
Edukazzjoni għolja	.....	.....
Privat mingħajr profitt	.....	.....
Organiżżazzjoni Internazzjonali	.....	.....
Ieħor	.....	.....

(jekk jogħġbok speċifika) .....

Noti:

Gvern	— organiżżazzjonijiet li jfornu iżda li normalment ma jbiegħux lill-Komunità, dawk is-servizzi li ma jistgħux jiġu pprovduti b'mod konvenjenti jew b'mod ekonomiku b'mod ieħor u jaġixxu bħala l-aġenzija amministrattiva għall-politika ekonomika u soċjali tal-Komunità.
Negozju	— id-ditti, l-organiżżazzjonijiet u l-istituzzjonijiet kollha li l-attività primarja tagħhom hija l-produzzjoni ta' oġġetti jew servizzi għall-bejgħ lill-pubbliku ġenerali bi prezz maħsub bejn wieħed u ieħor sabiex għallinqas ikopri l-ispiża tal-produzzjoni.
Edukazzjoni għolja	— l-universitajiet kollha, il-kulleġġi tat-teknoloġija u istituzzjonijiet oħra ta' edukazzjoni post sekondarja ikun xi jkun is-sors ta' finanzi jew status legali tagħhom ma' unitajiet taħt il-kontroll dirett ta' stabbilimenti bħal dawn.
Privat mingħajr profitt	— b'mod ewlieni organiżżazzjonijiet privati li mhumiex stabbiliti primarjament bil-għan li jagħmlu profitt.
Organiżżazzjoni Internazzjonali	— kull organiżżazzjoni li hija kostitwita bi ftehim fost l-Istati; l-iskubija tagħha tista' tkun magħmula minn stati jew korpi ġuridiċi maħtura sabiex jirrapreżentaw l-Istati Membri.

RIĊERKA

R1. ORGANIGRAMM

Gruppi ta' riċerka	(i) Isem tal-persuna direttament responsabbli għall-attivitajiet ta' kuljum tal-grupp (ii) Isem tal-persunal professjonali [1]
1.	
2.	
3.	
4.	
5.	
6.	
7.	
8.	
9.	
10.	
11.	
12.	

[1] Għad-definizzjonijiet, ara n-nota fil-paġna 10.

R2. Elenka apparat/faċilità speċjali li hija disponibbli għall-gruppi ta' riċerka (eż. apparat ta' *sensing* mill-bogħod, faċilitajiet għal numru kbir ta' annimali, mudelli fiżiċi, eċċ).

.....

.....

.....

.....

R3. Għal kull wieħed mill-gruppi ta' riċerka elenkati taħt R1, jekk jogħġbok agħti l-informazzjoni li ġejja:

	Gruppi ta' riċerka		
	1	2	3
A. Isem/deskrizzjoni qasira tar-riċerka			
B. Għanijiet tar-riċerka			
Ċ. Metodi użati			
D. Indika l-applikazzjonijiet potenzjali/ benefiċjarji tar-riċerka			
E. Tul tar-riċerka: (i) data tal-bidu (ii) stima tad-data tat-tmiem			
F. Persunal ([1]): numru ta': (i) persunal professjonali (ii) persunal ta' appoġġ			

([1]) Għad-definizzjonijiet, ara n-nota fil-paġna 10.

R3. *(imkompli)*

	Gruppi ta' riċerka		
	4	5	6
A. Isem/deskrizzjoni qasira tar-riċerka			
B. Ghanijiet tar-riċerka			
Ċ. Metodi użati			
D. Indika l-applikazzjonijiet potenzjali/ benefiċjarji tar-riċerka			
E. Tul tar-riċerka: (i) data tal-bidu (ii) stima tad-data tat-tmiem			
F. Persunal (1): numru ta': (i) persunal professjonali (ii) persunal ta' appoġġ			

(1) Ghad-definizzjonijiet, ara n-nota fil-paġna 10.

R3. *(imkompli)*

	Gruppi ta' riċerka		
	7	8	9
A. Isem/deskrizzjoni qasira tar-riċerka			
B. Għanijiet tar-riċerka			
Ċ. Metodi użati			
D. Indika l-applikazzjonijiet potenzjali/ benefiċjarji tar-riċerka			
E. Tul tar-riċerka: (i) data tal-bidu (ii) stima tad-data tat-tmiem			
F. Persunal [1]: numru ta': (i) persunal professjonali (ii) persunal ta' appoġġ			

[1] Għad-definizzjonijiet, ara n-nota fil-paġna 10.

R3. *(imkompli)*

	Gruppi ta' riċerka		
	10	11	12
A. Isem/deskrizzjoni qasira tar-riċerka			
B. Ghanijiet tar-riċerka			
Ċ. Metodi użati			
D. Indika l-applikazzjonijiet potenzjali/ benefiċjarji tar-riċerka			
E. Tul tar-riċerka: (i) data tal-bidu (ii) stima tad-data tat-tmiem			
F. Persunal (1): numru ta': (i) persunal professjonali (ii) persunal ta' appoġġ			

(1) Ghad-definizzjonijiet, ara n-nota fil-paġna 10.

R4. Jekk jogħġbok elenka d-dokumenti (eż. rapporti, pubblikazzjonijiet ta' bażi, artikoli, eċċ) li ġew ippreparati mill-gruppi ta' riċerka msemmija f'R1 u R2.

Kittieb/Kittieba	It-Titolu	Disponibbilità (jekk jogħġbok speċifika jekk hemm xi restrizzjonijiet)	Dettalji tal-pubblikazzjoni (eż l-isem tal-ġurnal/konferenza, data tal-pubblikazzjoni, numru ta' paġni, volum, eċċ)

SERVIZZ TA' DOKUMENTAZZJONI/INFORMAZZJONI

Noti:

Għall-għanijiet ta' dan l-inventarju, is-servizzi ta' informazzjoni/dokumentazzjoni ġew suddiviżi fit-tipi ta' unitajiet kif ġej:

Librerija	— kollezzjoni organizzata ta' kotba u perjodiċi ppublikati u ta' materjali oħrajn għall-qari u awdjo-viżivi.
Ċentru ta' Riferiment	— organiżżazzjoni li tidderiġi lil min ifittex l-informazzjoni u d-data lejn sorsi addattati iżda li ma tipprovdiex dokumenti u data hija stess.
Aġenzija ta' ġbir u tqassim ta' l-informazzjoni	— organiżżazzjoni li tiġbor u żżomm records ta' riċerka, tipprovdi dokumenti derivati minn dawn l-attivitajiet u tipprovdi servizzi ta' riferiment lil sorsi oħra għal informazzjoni relatata ma' dawn l-attivitajiet.
Ċentru ta' analiżi ta' l-informazzjoni	— organiżżazzjoni ddedikata għall-evalwazzjoni kritika ta' xogħol li qieghed isir f'xi qasam.
Bank ta' data	— kollezzjoni ta' data kwantitattiva relatata ma' suġġett speċifiku.
Ċentru ta' informazzjoni	— servizz li jipprovdi SDI u faċilitajiet ta' tiftix retrospettiv
Servizzi ta' traduzzjoni	— it-traduzzjoni ta' materjal speċjalizzat.
Servizzi ta' komunikazzjoni u ta' pariri	— il-promozzjoni ta' kuntatt dirett ma' l-utent permezz ta' persunal impjegat sabiex jiżviluppa u jżomm kuntatt ma' l-utent.

D1. L-organiżżazzjoni tiegħek taċċetta talbiet għall-informazzjoni?

IVA ☐ LE ☐

Jekk IVA, dawn għandhom jiġu ndirizzati permezz:

ta' ittra IVA ☐ LE ☐ /tat-telefon IVA ☐ LE ☐ /tat-telex IVA ☐ LE ☐

Jekk IVA, lil min għandhom jiġu indirizzati?

Isem: .....

Kariga: .....

Indirizz: (immarka jekk hemm informazzjoni xierqa mogħtija f'

G2 ☐ G3 ☐):

Taqsima (jekk applikabbli): .....

Organiżżazzjoni (omm): .....

.....

Triq: .....

Belt: ..... Distrett/Provinċja ..... Art/Departiment: .....

Kodiċi Postali/Pin: ..... Kaxxa Postali: ..... Pajjiż: .....

Telefon: ..... Telex/Cable: .....

Indirizz Telegrafiku: .....

D2. Apparat li huwa disponibbli għal kull servizz.

Elenka kwalunkwe apparat speċjali li huwa disponibbli għall-użu mis-servizzi ta' informazzjoni/dokumentazzjoni:

.....

.....

D3. Għal kull servizz li tipprovdi l-organizzazzjoni tiegħek, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

Servizz	Persunal (1) professjonali	Persunal (1) ta' appoġġ	Drittijiet mħallsa mill-utent	Restrizzjonijiet għall-utent (jekk jogħġbok speċifika)
☐ Librerija	.....	.....	IVA ☐ LE ☐	
☐ Ċentru ta' riferiment	.....	.....	IVA ☐ LE ☐	
☐ Aġenzija ta' ġbir u tqassim ta' l-informazzjoni	.....	.....	IVA ☐ LE ☐	
☐ Ċentru ta' analiżi ta' l-informazzjoni	.....	.....	IVA ☐ LE ☐	
☐ Bank ta' data	.....	.....	IVA ☐ LE ☐	
☐ Ċentru ta' informazzjoni	.....	.....	IVA ☐ LE ☐	
☐ Servizzi ta' traduzzjoni	.....	.....	IVA ☐ LE ☐	
☐ Servizzi ta' komunikazzjoni u ta' pariri	.....	.....	IVA ☐ LE ☐	
☐ Ieħor (jekk jogħġbok speċifika)	.....	.....	IVA ☐ LE ☐	

(1) Jekk ma jkunx possibbli li tiddistingwi bejn il-persunal involut f'servizzi differenti, in-numru totali ta' persunal mħaddem jista' jingħata fl-aħħar tal-kolonna tal-persunal. Għad-definizzjonijiet, ara n-nota f'paġna 10.

D4. LIBRERIJA

A. Jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja dwar il-librerija:

	Stokk	% li huwa direttament relevanti għall-protezzjoni ta' l-ambjent	Rata ta' żieda annwali fl-istokk totali
Kotba	.....	.....	.....
Perjodiċi	.....	.....	.....
Pubblikazzjonijiet ta' Konferenzi	.....	.....	.....
Teżijiet	.....	.....	.....
Patenti	.....	.....	.....
Ġurnali ta' l-Astratti	.....	.....	.....
Ġurnali ta' indiċi	.....	.....	.....

B. Il-librerija tipproduċi Jekk IVA, jekk jogħġbok speċifika [1]:

Listi ta' adeżjoni IVA ☐ LE ☐

Biblijografija IVA ☐ LE ☐

Bulettini ta' għarfien kurrenti IVA ☐ LE ☐

Riċerki retrospettivi IVA ☐ LE ☐

Ieħor (jekk jogħġbok speċifika) IVA ☐ LE ☐

Ċ. Il-librerija għandha karatteristiċi distinti li huma direttament relevanti għall-ħarsien ta' l-ambjent?

IVA ☐ LE ☐

Jekk IVA, jekk jogħġbok speċifika .....

.....

.....

D5. SERVIZZI TA' RIFERIMENT

Is-servizz ta' riferiment jipproduċi : Jekk IVA, jekk jogħġbok speċifika [1]:

Direttorji IVA ☐ LE ☐

Reġistri IVA ☐ LE ☐

Inventarji IVA ☐ LE ☐

Ieħor (jekk jogħġbok speċifika) IVA ☐ LE ☐

D6. AĠENZIJA TA' ĠBIR U TQASSIM TA' L-INFORMAZZJONI

A. L-aġenzija twettaq ħdmiet speċjali fil-qasam tal-ħarsien ta' l-ambjent?

IVA ☐ LE ☐

[1] Jekk possibbli, ehmeż lista tal-pubblikazzjonijiet li tinkludi kull meta johorgu, prezzijiet, disponibbiltà, eċċ.

B. L-aġenzija tipproduċi: Jekk IVA, jekk jogħġbok speċifika (1):

Bibliografiji	IVA ☐	LE ☐
Bullettini ta' għarfien kurrenti	IVA ☐	LE ☐
Ieħor (jekk jogħġbok speċifika)	IVA ☐	LE ☐

D7. ĊENTRU TA' ANALIŻI TA' L-INFORMAZZJONI

A. X'inhi l-mira prinċipali tax-xogħol taċ-ċentru ta' analiżi ta' l-informazzjoni?

B. Iċ-ċentru jipproduċi? Jekk IVA, jekk jogħġbok speċifika (1):

Rivisti ta' kritika	IVA ☐	LE ☐
Manwali	IVA ☐	LE ☐
Folji ta' data	IVA ☐	LE ☐
Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)	IVA ☐	LE ☐

D8. ĊENTRU TA' L-INFORMAZZJONI

A. Iċ-ċentru juża bażi ta' data biblijografiċi minn produtturi barranin sabiex jipprovdi servizzi?

IVA ☐ LE ☐

Jekk IVA, jekk jogħġbok elenka l-bażi ta' *data* meħuda:

.....

.....

.....

.....

.....

B. Iċ-ċentru jgħaqqad records minn bażi ta' data ta' biblijografija differenti sabiex jipprovdi servizz dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent?

IVA ☐ LE ☐

Ċ. Għal kemm utent huma pprovduti s-servizzi?

Disseminazzjoni selettiva ta' l-informazzjoni: .....

Faċilitajiet ta' tfittxija retrospettiva: .....

D. Sa liema punt huma l-faċilitajiet ta' proċessar awtomatiżżati?

Xejn ☐ Għal kollox ☐ Parzjalment (jekk jogħġbok speċifika) ☐

....

....

....

(1) Jekk possibbli, ehmeż lista tal-pubblikazzjonijiet li tinkludi kull meta joħorġu, prezzijiet, disponibbiltà, eċċ.

D9. SERVIZZI TA' TRADUZZJONI

A. Iċ-ċentru jipprovdi faċilitajiet ta' traduzzjoni speċjali għal materjal relevanti direttament għall-protezzjoni ta' l-ambjent?

IVA ☐ LE ☐

B. Jekk jogħġbok speċifika, minn liema lingwi u f'liema lingwi ċ-ċentru jagħmel traduzzjonijiet:

minn ..... sa ..... minn ..... sa .....

minn ..... sa ..... minn ..... sa .....

minn ..... sa ..... minn ..... sa .....

minn ..... sa ..... minn ..... sa .....

minn ..... sa ..... minn ..... sa .....

D10. SERVIZZI TA' KOMUNIKAZZJONI U TA' PARIRI

A. Sa liema punt jiffoka s-servizz fuq problemi ta' protezzjoni ambjentali?

Esklussivament ☐ Parzjalment ☐

B. Is-servizz huwa dirett għal grupp/sezzjoni wieħed/waħda partikolari tal-Komunità?

IVA ☐ LE ☐

Jekk IVA, jekk jogħġbok speċifika.

D11. BANK TA' *DATA*

Jekk joghġbok speċifika l-informazzjoni li ġejja dwar il-fajls miżmuma fil-bank ta' *data*:

It-Titolu/deskrizzjoni qasira tar-records.	Numru totali ta' records fil-file	Rata ta' żieda annwali	Jekk joghgbok specifika sa liema punt l-ipprocessar tal-fajls huwa awtomatiżżat ☐ Xejn ☐ Ghal kollox ☐ Parzjalment (jekk joghgbok specifika)	Jekk joghgbok specifika l-mezz ta' hżin (eż. *punched tape/card*, apparat manjetiku)	Kodici (jekk applikabbli eż. EBCDIC)
1.	.....	.....	.....	.....	.....
.....			.....		
.....			.....		
.....			.....		
2.	.....	.....	.....	.....	.....
.....			.....		
.....			.....		
.....			.....		
3.	.....	.....	.....	.....	.....
.....			.....		
.....			.....		
.....			.....		
4.	.....	.....	.....	.....	.....
.....			.....		
.....			.....		
.....			.....		
5.	.....	.....	.....	.....	.....
.....			.....		
.....			.....		
.....			.....		

KOMPETENZA

E1. A. Għal kull waħda mill-oqsma ta' attivitajiet li ġejjin li fihom huwa involut iċ-ċentru, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

Aspetti ġenerali	Tniġġis ta'/minn					Għal kull qasam ta' attività, jekk jogħġbok agħti l-isem tal-persuna lil min għandhom jiġu indirizzati t-talbiet għal informazzjoni (mhux bilfors l-ismijiet ta' l-esperti)
	1. Arja	2. Ħoss	3. Ħamrija	4. Ilma	5. Oħrajn	
A. Bijoloġija						.....
B. Kimika						.....
Ċ. Ekonomija						.....
D. Liġi						.....
E. Statistika						.....
F. Teknoloġija						.....
G. Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)						....

E1. B. Jekk jogħġbok agħti aktar dettalji dwar l-attivitajiet immarkati f'E1.A fuq.

.....

.....

.....

.....

.....

.....

.....

.....

.....

.....

E2. A. Elenka dawk is-suġġetti/problemi li għalihom, iċ-ċentru huwa ppreparat li joffri servizz ta' konsulenza (immarka jekk hija mogħtija informazzjoni xierqa f'E1☐):

.....

.....

.....

.....

.....

B. Agħti xi eżempji ta' xi xogħol magħmul qabel dwar is-soġġetti/problemi li hemm referenza għalihom f'E2.A:

.....

.....

.....

.....

.....

Ċ. Immarka l-lingwa(lingwi) li minnha (minnhom), il-persunal, jista' jwettaq ix-xogħol speċifikat f'E2.A:

Daniż	☐	Ingliż	☐	Ġermaniż	☐
Olandiż	☐	Franċiż	☐	Taljan	☐

Oħrajn: .....

E3. A. Is-servizzi taċ-ċentru huma llimitati għal ċerti kategoriji ta' utenti/min isaqsi?

IVA ☐ LE ☐

Jekk IVA, jekk jogħġbok speċifika r-restrizzjonijiet:

.....

.....

.....

.....

B. Is-servizzi taċ-ċentru huma offruti bla ħlas?

IVA ☐ LE ☐

Jekk LE, fuq liema bażi huwa mitlub il-ħlas?

Spiża għal kull siegħa xogħol ta' persuna biss ☐ Ħlas għas-servizz biss ☐

Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika) .....

.....

.....

E4. Iċ-ċentru lest jirrispondi għal talbiet għal informazzjoni li jkunu sostanzjalment tekniċi?

IVA ☐ LE ☐

Jekk IVA, jekk jogħġbok agħti d-dettalji li ġejjin tas-sors li lilu għandhom jiġu indirizzati t-talbiet għall-informazzjoni (immarka jekk hemm informazzjoni xierqa mogħtija f'G2 ☐ G3 ☐).

Isem: .....

Indirizz: Triq: .....

Belt: ..... Distrett/Provinċja ..... Art/Dipartiment

Kodiċi Postali/Pin: ..... Kaxxa Postali: ..... Pajjiż: .....

Telefon: ..... Telex/Cable: .....

Indirizz telegrafiku: .....

E5. Persunal (1): Kemm hemm:

— persunal professjonali .....

— persunal ta' appoġġ .....

impjegat miċ-ċentru dwar attivitajiet direttament marbutin mal-protezzjoni ambjentali?

(1) Għad-definizzjonijiet, ara n-nota f'paġna 10.

E6. Iċ-ċentru għandu fil-pussess tiegħu xi patenti fuq innovazzjonijiet li huma direttament relevanti għall-protezzjoni ambjentali?

IVA ☐ LE ☐

Jekk IVA, jekk jogħġbok speċifika:

It-Titolu	Data tal-mili		Nru tal-Patenta
	Pajjiż ta' l-ewwel applikazzjoni	Data ta' l-ewwel applikazzjoni	
1.			
2.			
3.			
4.			

E7. Jekk jogħġbok elenka kwalunkwe dokument speċjali (direttament relevanti għall-protezzjoni ambjentali) li ġie mħejji miċ-ċentru

It-Titolu	Awtur(i)	Data tal-pubblikazzjoni	Disponibilità	
			ristretta	mhux ristretta
1.				
2.				
3.				
4.				